MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 1415/2010

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Namaste Limited (C-30947)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tlett mija, tnejn u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€392.99) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta’ Maltacom plc, bhala hlas ta’ servizz telefoniku li jgib in-numru 21378202 (AC40014694).

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum u kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 10 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li s-Socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------